



# Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)

## Malta

### Malta – ħarsa ġenerali

#### Kosta u l-portijiet

Ir-Repubblika ta' Malta, li tinsab fix-Xlokk taċ-Ċentru tal-Mediterran b'kundizzjonijiet klimatiċi eċċelenti għall-akkwakultura, għandha kosta ta' 173 km (li tammonta għal 0.26% mis-66 000 km ta' kosta tal-UE).

Il-port prinċipali ta' Malta huwa dak ta' Marsaxlokk, fejn hemm il-faċilitajiet tal-kontejners tal-gżira. Il-Port il-Kbir tal-belt Valletta huwa port importanti wkoll.

Marsaxlokk huwa wkoll il-port prinċipali tas-sajd; oħrajn jinkludu dak tal-belt Valletta, il-Marsa, Wied il-Għajn, San Pawl il-Baħar, kif ukoll Marsalforn u l-Port tal-Imġarr fuq il-gżira ġara ta' Għawdex.

#### Tradizzjoni u potenzjal

##### Is-settur tas-Sajd Malti għandu tradizzjoni twila.

**Il-flotta tas-sajd** tinkludi 1 037 bastiment u fil-parti l-kbira tagħha hija magħmula minn dgħajjes tas-sajd kostali ta' daqs żgħir (958 inqas minn 12-il metru f'tul). 98% mħumiex bastimenti tat-tkarkir (April 2014).



#### Prestazzjoni ekonomika u impjegi

F'Malta, il-parti l-kbira tas-sajjieda jaħdmu għal rashom. **Fir-rigward tal-produttività ta' sajd fil-baħar**, il-valur miżjud gross (VMG) għal impjegati ekwivalenti għall-full time (EFT) jirrapreżenta EUR 158 000, filwaqt li l-VMG għal kull impjegat EFT li jaħdem bi qligħ hu ta' EUR 9 000.

F'termini tal-**produttività tal-akkwakultura**, il-VMG għal kull EFT jirrapreżenta EUR 55 000 meta l-VMG għal kull impjegat EFT li jaħdem bi qligħ hu ta' EUR 47 000.

Skont l-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol tal-2014, l-impjegi fis-settur tal-baħar jammontaw għal 1.1 % tal-impjegi totali.

# Il-Programm Operazzjonali ta' Malta









## Baġit

**Total:**  
EUR 28 899 018

**Kontribuzzjoni tal-UE:**  
EUR 22 627 422  
0.39% tal-FEMS totali

## Il-Programm Operazzjonali (PO) jkopri ħamsa mis-sitt "Priyoritajiet tal-Unjoni" definiti fil-FEMS; jigiiferi:

-  il-promozzjoni tas-**sajd** ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiv, kompetittiv u abbażi tal-għarfien;
-  it-trawwim ta' **akkwakultura** ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva, kompetittiva u abbażi tal-għarfien;
-  it-trawwim tal-implimentazzjoni tal-**Politika Komuni tas-Sajd**;
-  **żieda fl-impjegi u fil-koeżjoni territorjali**; (din il-prijorità mhijiex koperta mill-PO)
-  it-trawwim ta' **kummerċjalizzazzjoni u pproċessar**;
-  it-trawwim tal-implimentazzjoni tal-**Politika Marittima Integrata**.



## 1. Sajd

### Ta' xhiex?

L-ispeċijiet prinċipali maqbuda huma: Tonn (142 tunnellata), Pixxispad (Xiphias gladius, 532 tunnellata), Lampuki (Coryphaena hippurus, 349 tunnellata), u 300 speċi oħra bħal Kavalli, Gambli u Mullett aħmar (ċifri tal-2013).

### L-għan tal-PO

Il-fondi mill-FEMS sejrjn jgħinu sabiex itejbu l-infrastruttura għal postijiet ta' ħatt magħżula.

Billi ttejjeb aktar l-infrastruttura tal-port bl-appoġġ tal-FEMS, Malta għandha l-għan li ttejjeb il-**kwalità, il-kontroll u t-traċċabilità** tal-prodotti li jinħattu l-art.


Malta qiegħda tippjana wkoll investimenti sabiex ittejjeb is-selettività tal-irkaptu tas-sajd, u sabiex tiżgura bilanċ bejn il-**kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet ta' sajd**.

### Riżultat prinċipali

Sajd ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

### Baġit

**EUR 8 547 929**  
(37.8% mill-allokkazzjoni tal-PO)



## 2. Akkwakultura

### Ta' xhiex?

L-ispeċijiet prinċipali tal-akkwakultura tal-baħar prodotti huma: l-Awrat (Sparus aurata (1 082 tunnellata b'valur ta' EUR 4 837 miljun) u l-Ispnott (Dicentrarchus labrax). Il-Gurbell (Argyrosomus regius) u l-Aċċola (Seriola dumerili) qed jiġu żviluppatti bħala alternattivi għat-Tonn tal-Pinna Blu (Thunnus thynnus thynnus), li jinqabad mill-istokk selvaġġ u jiġiħaxxen għall-esportazzjoni (1 759 tunnellata b'valur ta' EUR 38 594 miljun) (Ċifri tal-2013).

### L-għan tal-PO



Il-fondi tal-FEMS sejrjn jappoġġjaw il-ħolqien ta' maqfas fuq skala kummerċjali sabiex jiġu prodotti frieħ għal dawk l-ispeċijiet li fil-parti l-kbira tagħhom huma mkabbra lokalment, u sabiex issir riċerka bl-għan li artifċjalment jingħalaq iċ-ċiklu ta' ħajja tat-Tonn tal-Pinna Blu.

### Objettiv prinċipali

It-tlestija tal-proġett tal-akkwakultura waħdieni sal-2023.

### Baġit

**EUR 2 480 116**  
(11% mill-allokkazzjoni tal-PO)



### 3. Politika Komuni tas-Sajd (PKS)



#### Ta' xhiex?

Id-Dipartiment Malti tas-Sajd u l-Akkwakultura hu responsabbli għall-valutazzjoni xjentifika tal-popolazzjonijiet tal-ħut, u għall-analizzar tad-data bijoloġika u tas-sajd dwar il-livelli ta' qbid għall-ispeċijiet kummerċjali prinċipali. Huwa responsabbli wkoll sabiex jiġbor id-data.

#### L-għan tal-PO

Il-PKS tistabilixxi regoli għall-immaniġġjar tal-flotot tas-sajd Ewropej u għall-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ħut. Malta timplimenta dawn ir-regoli billi:

- ittejjeb u tipprovdi għarfien xjentifiku;
- tiġbor u tiġġestixxi d-data;
- tipprovdi appoġġ, monitoraġġ, u twestaq kontroll u infurzar.


#### Riżultat prinċipali

Il-fondi tal-FEMS sejrjn jappoġġjaw il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data meħtieġa skont il-qafas tal-PKS, kif ukoll l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni, kif meħtieġa mill-PKS.

#### Baġit

**EUR 8 691 651**

(38.4% mill-allokkazzjoni tal-PO)



### 4. Strateġiji lokali ta' żvilupp immexxija mill-Komunità



Il-CLLD mhuwiex inkluż fil-PO ta' Malta.

### 5. Kummerċjalizzazzjoni u proċessar



#### L-għan tal-PO

L-għan huwa li jkun jista' jsir użu akbar mill-qabda sekondarja, u li jinkiseb valur ogħla minnha, biex b'hekk inaqqas il-ħtieġa tar-rimi tal-qabda sekondarja li ħadd ma jkun irid, u li jiddevja l-pessjoni tas-sajd lil hinn mill-ispeċi prinċipali lejn speċi mhux użata biżżejjed, iżda sustanzjuża. Għan ieħor hu li jiżdied l-għarfien tal-konsumatur dwar l-istatus tal-popolazzjoni tal-ħut u r-rwol tal-konsumaturi sabiex jassistu fl-isforzi tal-konservazzjoni.

#### Riżultat prinċipali

Għarfien pubbliku akbar tal-prodotti tas-sajd sostenibbli u tal-akkwakultura.

#### Baġit

**EUR 219 771**

(0.97% mill-allokkazzjoni tal-PO)



### 6. Politika Marittima Integrata (PMI)



#### Ta' xhiex?

Il-Politika Marittima Integrata għandha l-għan li tipprovdi approċċ aktar koerenti lejn kwistjonijiet marittimi, b'aktar koordinazzjoni bejn oqsma politiċi differenti. Il-Baħar Mediterran madwar l-Arċipelagu Malti huwa ekosistema unika minħabba l-pożizzjoni ġeografika speċifika tiegħu. L-istatus ambjentali tiegħu huwa influwenzat minn firxa kbira ta' fatturi li hemm bżonn li jiġu mmonitorjati b'bażi xjentifika.

#### L-għan tal-PO

Il-fondi tal-FEMS sejrjn jgħinu jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' miżuri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (Id-Direttiva tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill 2008/56/KE) u għaldaqstant jikkontibwixxu sabiex iħarsu l-ambjent marittimu u jwaqqfu d-deterjorament tiegħu.


#### Riżultati prinċipali

Ambjent b'saħħtu għall-Baħar Mediterran.

#### Baġit

**EUR 1.2 miljun**

(5.3% mill-allokkazzjoni tal-PO)



#### Simplifikazzjoni

Il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji sejjir jtnaqqas billi l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi b'mod elettroniku permezz tas-Sistema ta' Applikazzjoni b'Mod Elettroniku. Is-sistema ta' Ġestjoni u Kontroll se tibqa' kif kienet taħt il-FES.

#### Sinerġiji

Malta m'għandhiex l-intenzjoni li timplimenta l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD, Community Led Local Development) skont il-FEMS, iżda hemm komponent marittimu għall-Istrateġija għal Grupp ta' Azzjoni Lokali skont EAFRD-OP 2007-2013 li għandu jtkompla fil-perjodu l-ġdid tal-programm.



Dgħrajres tipiċi u kkuluriti fix-xpikk ta' Malta  
© Shutterstock, 2015

## Stejjer ta' suċċess

### Rilokazzjoni tal-pixkerija




Il-pixkerija tmexxiet taħt il-FES mill-binja storika (u teknikament skaduta) tagħha, fuq ix-xatt tal-Port il-Kbir (Valletta), lejn qasam industrijali b'sit għall-ħatt fil-qrib fil-Marsa.

Il-baġit jinkludi **EUR 2 935 877** f'fondi pubbliċi u kontibuzzjoni mill-Komunità ta' **EUR 2 201 907.75**.

Il-pixkerija ilha stabbilita u operattiva sa mill-aħħar ta' Ġunju 2015.

### Is-Sehem ta' Malta mill-programm SFGS



Permezz tas-sehem mill-programm SFGS, ġiet introdotta speċi alternattiva għall-akkwakultura: il-Gurbell. It-trobbija fuq bażi kummerċjali tkomplet permezz tal-kofinanzjarjament skont il-FES.

It-twessigħ tal-firxa tal-ispeċijiet tal-akkwakultura Maltija jaqbel sew mal-proġett tal-maqfas li hemm ipprogrammat bħalissa.

## Aktar informazzjoni

- Kummissjoni Ewropea għas-Sajd
- Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta
- Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
- Pjan Nazzjonali Multiannwali tal-Akkwakultura